# JONATHAN



1053

LABORATORJU TAL-PAĊI

KLIEM Patri Dijonisju Mintoff
MUŻIKA Mro. Carmelo Abela

Biex ifakkar egħluq
"IS-SENA INTERNAZZJONALI TAZ-ZGHAZAGH"
u l-ftuħ tas-
"SENA TAL-PACI"
Il-Laboratorju tal-Paci
jipprezenta

JONATHAN

Cantata
mibnija fuq
Jonathan Livingstone Seagull
Kliem - Patri Dijonisju Mintoff
Muzika - Mro Carmelo Abela

jieħdu sehem:
Il-Kor tal-Laboratorju tal-Paci
Il-Young People's Orchestra
Solisti: Samuel Bezzina
Mario Gauci
Josephine Vassallo
Narraturi: Grace Axiak
John Gatt
Marthese Sammut
Emanuel Scicluna
Ko-ordinazzjoni - Josephine Vassallo

Il-Foyer tat-Tijatru Manoel
L-Erbgħa, 11 ta' Dicembru, 1985
fis-7.30p.m.

Direttrici - Helen DeGabriele

## Messagg mill-Fundatur u Direttur tal-Laboratorju tal-Paci

Is-Sena Internazzjonali taz-Zgħazagħ waslet biex tigbed il-biex warajħa u tħalli l-għamara għas-Sena Internazzjonali tal-Paci.

Kemm waħda u kemm l-oħra sabuna b'idejna mxammra għal kull ħidma li jressqulna.

Biss il-lejla xtaqna nieqfu ftit mill-ħidma ta' kuljum biex flimkien zgħazagħ u kbar tal-Laboratorju tal-Paci nfakkruħom fit-Tijatru Manoel tagħna - dan l-imqades ta' l-arti - f'wieħed mill-isbaħ imqades t'artna u ta' l-Ewropa kollħa. Hawn fejn iz-zgħozija u l-muzika trekknu kemm-il darba u tbewsu kif jafu jitbewsu z-zgħazagħ u għannew bil-ħegga kollħa ta' qalbħom.

Ingbarna ħawn il-lejla wara li fassalna ħsibijiet u għanjiet fuq grajja maħsuba imma taqbel sewwa sew mal-feħma u t-tiswir ta' kull ħidma tagħna: il-grajja ta' Jonatħan jew Jonatħan Livingstone Seagull ta' Richard Bach - il-gawwi li ma jridx jibqa' jgħix fejn jiekol biss imma ried jinqata' mill-irbit ta' tradizzjonijiet u simbolizmi bla sens u jaħrab darb'għal dejjem lil min irid jonsbu fit-trabokk tal-jasar. Waqt li l-oħrajn ibezzgħuħ bir-riskju u bis-sogru ħuwa jagħzel li ħajtu ma tkunx tqila bħal ta' l-oħrajn. Ried igħix l-avventura kollħa tal-ħajja għalħekk jinħtieglu rieda sħiħa u qawwija. Ried igħid darb'għal dejjem liz-zgħazagħ tad-dinja kollħa li ħuma biss u f'idejħom ħemm it-tmun ta' gejjieni fejn tfegg għodwa mdawwla minn xemx li ma tafx inzul, għaliex mimlija bl-egħgubi-jiet li Alla jagħmel mingħajr ma jieqaf ma' dawk li bħalu u miegħu joħolqu l-gdid u s-sabiħ u jkabbruħ Dnub li fi zmienna kissirna ħafna - vjolenza, oppres-sjoni, ipokresija, egoizmu, għazz u mitt ħag'oħra li dennsu d-demm aħmar ta' generazzjonijiet sħaħ u xtaquħ ikħal jew biddluħ f'aħdar imdardar u mnigges.

IL-CANTATA - Jonatħan ħi immuzikata mill-Mro Carnelo Abela. Dan il-Maestro għalkemm fuq il-karta tal-magħmudija wieħed jaqra li jmissu qed jaħsad il-frott ta' ħidma twila u jistrieħ b'dan kollu fuq il-karta tal-muzika wieħed jaqra li min qatta' l-bicca l-kbira ta' ħajtu aktar fi klassi maz-zgħa-zagħ milli fid-dar ikun jistenna x-xoqqa f'moxtħa biex jerga' jgħix magħħom. Dan naħilfuħ aħna għax għal snin sħaħ qabel u kull sena wara li ħareg bil-pensjoni dejjem gie mingħajr ma kaxkar saqajħ b'xi bicca gdida biex inkantawħa.

Fit-tinsig tal-kliem u fil-ħlewwa tan-noti, il-lejla nsibu kemm ħi sabiħa z-zgħozija u kemm tifrex gwienħajħa qalbiena fil-wisgħa u fil-għoli fejn kull titjira titlob sogru u ħila...fejn min ħu iktar imdaħħal fiz-zmien aktarx jaqta' qalbu u nifsu.

Jonatħan ħija l-grajja ta' kull bniedem għax it-tigrib ta' l-ebda bniedem m'ħu tiegħu biss.

Jonathan hija l-grajja ta' kull gens qadim u mjassar li ma jgħannix fuqha qabel ikun ħieles.

Jonathan hija r-rebħa ta' kull min għandu fehma u rieda li meta tixgħel u tħeggeg xejn ma jista' jfixkel jew izommu.

Jonathan huwa ħidma bla heda biex tagħti dejjem minnek innifsek u tinfena jekk hemm bzonn imma uliedek u shabek ma jkollhomx għalfejn ifittxu t-tifsir fid-dizjunarju għall-kelma "Paci".

Patri Dijonisju Mintoff

## RADD TA' HAJR

Il-Laboratorju tal-Paci jrodd hajr lil kull min issponsorja l-prezentazzjoni ta' din il-Cantata.

## L-ORKESTRA

Direzzjoni - Helen De Gabriele

Vjolini: Adriana Borg, Denise Ebejer, Isabelle Galea, Carmine Lauri, Martin Pirotta, Grazziella Sammut, Sarah Spiteri, Jo Anna Zammit, Stephen Zammit.

Vjolincelli: Simon Abdilla Joslin, Ivan De Gabriele.

Kuntrabaxx: Mary Rose Bondin.

Flawt: Stephen Camilleri, Silvio Zammit.

Klarinetti: James Chapelle, Mario Felice.

Leader: Stephen Zammit.

Pjanista: Simone Attard

## IL-KOR TAL-LABORATORJU TAL-PACI

Direzzjoni - Simone Attard

Soprani: Carmena Attard, Claire Gregory, Maxine Mifsud, Josephine Vassallo, Karen Vella.

Alti: Jeanine Attard, Edmea Caruana, Joanne Mallia Marisa Mallia, Mary Zammit.

Tenuri: Samuel Bezzina, Christopher James, Josef Spiteri, Joseph Vancell.

Baxxi: Jean Paul Attard, Mario Attard, Mario Gauci.

JONATHAN

Kliem: Dijonisju Mintoff o.f.m

Muzika: Carmelo Abela

JONATHAN

Ma twelidtx bħall-oħrajn,
Ma jtirx għall-ikel biss,
Wara jerġa' lura f'xatt ix-xmara;
Herqan li jkun kollox,
Herqan jipprova kollox
Kollox bil-ħeġġa tat-titjir,
Ta' arja nadifa, ta' ħelsien,
Irid jirbaħ id-dieqa,
Irid jibqa' żagħżugħ.

Żgħażagħ tal-lum tiru fl-għoli tal-wesgħat
Tingħalqux f'gaġeġ t'esperjenzi ta' ħaddieħor,
Torbtulhomx il-ġwienaħ tagħhom bil-preġudizzji
Tiċħdulhomx il-ħolm sabiħ tagħhom.

F'din it-taqbida tagħkom
Niċħdulkom it-titjir fil-għoli
Jixlukom bit-tferfix
Ta' nuqqas ta' għeħ
Hekk biss titgħallmu
li t-tferfix ma jagħti l-ebda frott.
Ma nafu xejn,
U l-ħajja kollha bla tifsira
Ninsabu biss fid-dinja
Ngħixu kemm nistgħu.

Għal elf sena tħabatna
Tħabatna għal biċċa ħobż
Illum bdejna nitħabtu
Biex nitgħallmu ntiru fi triq
Triq tal-ħelsien.

## Hemm Bzonn Inxandru l-Ferħ

Hemm bzonn inxandru l-ferħ
Hemm bzonn nagħtu l-imħabba
Hemm bzonn li ngħannu.
Hemm bzonn li ndoqqu,
Il-kitarri tagħna
M'għandniex bzonnħom aktar
Il-kordi jitħarrku għat-tvenvin tar-riħ
Jew għac-cafcif tal-baħar.
Dawk il-kitarri qodma m'għandniex bzonnħom aktar.

Mill-għoli tas-smewwiet
Imexxina l-Mulej
Mat-triqat tad-dinja
Nitħabtu ma' l-oħrajn.
It-talb nixef għal kollox
Hemm bzonn nibnu dinja oħra
Dinja ta' ferħ
Ngħixu ħajja ta' mħabba.
It-talb tagħna m'huwiex bizzejjed.

U Jonatħan beda jtir.
Irridu ntiru: ħalluna ntiru.
Din is-sena giet magħzula.
Iz-zgħazagħ.
Hemm bzonn ilkoll nitgħallmu ntiru
Mill-ktieb li kulħadd għandu
Jonatħan Livingstone
Il-gawwi - il-gawwi.
Irridu ntiru, ħalluna ntiru.

Holma ta' nies imqajma
Holma ta' dinja miexja
Għall-aħjar.
Il-ħolqien ħieles
Jitmexxa miz-zgħazagħ.
Din il-lejla għalikom
Li qtajtu qalbkom.
Għalikom li tibzgħu tgħixu
F'dinja li titħabat mal-mewg.
Għalikom iz-zgħazagħ li tgħixu,
Li tibnu dinja gdida
Dinja aħjar...
Għal 'Jonatħan'
Li jgħix f'qiegħ qalb kull bniedem.

Hemm bzonn inxandru l-ferħ
Hemm bzonn nagħtu l-imħabba
Hemm bzonn li ngħannu.
Hemm bzonn li ndoqqu.
Il-kitarri tagħna
M'għandniex bzonnħom aktar
Il-kordi jitħarrku għat-tvenvin tar-riħ
Jew għac-cafcif tal-baħar,
Dawk il-kitarri qodma m'għandniex bzonnħom aktar.

## Ilħna taz-Zgħazagħ

U Jonatħan beda jtir.
Jonatħan il-gawwi.
Jonatħan il-gawwi
Mħux bħal gawwi l-oħra
Ried itir - itir

Jitgħallem itir.

Ilħna tax-Xjuħ

Din bluħa gawwi jtir.
Le ma jtirx
Le ma jtirx.
Għalfejn jinħela z-zmien
Għaliex irid itir
Li jasal sax-xatt dik ħajtu.
Dik għandu bzonn
Fejn ħemm isib l-ikel.
U lura lejn id-dar.
Il-gawwi ma jtirux
U ħadd minnhom qatt jaħseb
Li xi darba jtir.

Kulħadd

Imma kulħadd jiekol.

Ilħna tax-Xjuħ

Xogħol tajjeb - sengħa ħafifa
Ftit flus;
Għalija u għal uliedi.
Mutur.
Karozza.
Television.
Frig.
Dar.
Ħbieb.
Kultant xi sigarett.
Politika xejn
Din kollha ħmieg.
Ftit karita'
Teħfifli l-kuxjenza.
La tisraqx.
La toqtolx.
Weggaħ lil kulħadd.
Cirku dejjem jickien.

Kulħadd

Dejjem aktar jickien.
Dejjem jidjieq:
Dejjem aktar jidjieq.
Dejjem fqir.
Dejjem aktar fqir...
Ma joħrog minnu ħadd.
Qatt.
Ftehim.
Paci.
Gustizzja.
Solidarjeta'.
Ftehim.
Djalogu.
Helsien.
Faqar.
Faqar?

## Profeta

Min jibza' li jsir fqir
Fih hemm ir-ruh ta' lsir.
Min irid isir fqir
Jidhol wahdu fil-gagga tieghu,
Ta' suldati mixtrija ghall-mewt.

## Ejja Int Ukoll

Ejja int ukoll
Ejja madwar id-dinja
Tibqax maghluq gol-gagga tieghek
Ejja ara kemm qed ibati l-bniedem.

Dak li jinsab wahdu
Il-hajja tieghu x'siwi ghandha
Ejja biex tarah u ghid jekk tafx isserrahlu qalbu?

Omm fit-tigrib u n-niket
Binha miet
Min jista' - min jista'
Iserrhilha qalbha?

Jekk trid li int tixxotta
Id-dmugh t'ghajnejn l-imsejken
M'intix wahdek, hemm mieghek Alla
'emm ukoll id il-Mulej

## Missier Jonathan

Jonathan. Jonathan. Jonathan.
Ejja.
Erga' lura.
Imma x'int taghmel?
Hemm fuq fejn itiru l-ajkli?
Imma ghaliex Jonathan?
Ghaliex tinsa Jonathan li inti gawwi bhall-ohrajn?
Halli dan ghat-tjur il-kbar
Ibni qed timrad
Sirt ghadma u gilda.

## Missier Toni

Ma nistax nifhmu aktar.
Jaghmilha ma' l-irmixk.
U jilbes ta' qattaghni.
Missieru qatt ma hallih nieqes.

## Missier Franco

Tkellimnix fuq hekk,
Jien ukoll ninsab fl-istess bahar.
L-iskola li thassarhom
U s-sahta tal-politika.

Studenti

Rosa, rosae, rosae,
Rosam, rosa, rosy
Rosy il-fjur ta' qalbi.
Rosy fl-ablativ
Rosy fil-genittiv,
Rosy illum,
Ghada ghal dejjem amen.

Meta twieled Garibaldi?
Fejn? Kif? Meta?
Ghidli l-ismijiet tal-profeti? Bl-amment.
Kollha?
Iva.
L-ismijiet tal-profeti huma
Isaia - Geremija - David - Goswe' u Salamun.

Kotba.
Kotba.
Kotba.
Kotba.
Kotba.
Il-kotba tieghi jghallmuni l-hajja.
Fil-ktieb tieghi l-bdiewa kollha twajba.
Kollha jizirghu l-qamh u jieklu l-hobz.
Fil-ktieb tieghi it-tfal imqarba
Imniehehom twil,
Saqajhom qosra,
Wicc mahmug
Kollha ghal...
Ghonq it-triq.
Le. Ghall-infern fejn in-nar jahraqhom
Fil-ktieb tieghi hemm miktub li l-Haddiema
Maltin huma l-aqwa fid-dinja,

Li l-gwerra hi sabiha jekk tirbah,
Li l-pajjiz huwa maghmul minna,
Jinhtieg li nhallsu t-taxxi.
Fil-ktieb tieghi jien naqra li l-hbieb
hziena huma hziena, huma tuffieh hazin,
Li jhassru lit-tajbin,
Li t-tuffieha lil Eva ghogbot
U Adam dineb
U min jisraq imur ghal ghonq it-triq.
Le, fil-habsijiet
U f'dawk il-postijiet
Fejn dawk kollha li jisirqu jmorru.
Oh. Il-kotba.
Ah. Il-kotba.
Min sejjer jehlisna minnhom?

Il-Professur

Kemm jaghmlu wiehed u wiehed?

L-Istudent

Wiehed u wiehed jaghmlu tnejn.

Il-Professur

Tajjeb. Tajjeb. Tidher li taf hafna.
Malajr, issir ghalliem.
Nimxu ftit 'l quddiem; kemm jaghmlu
Tnejn u wiehed?

L-Istudent

Tlieta

Il-Professur

U tlieta u wieħed?

L-Istudent

Erbgħa.

Il-Professur

Erbgħa u wieħed?

L-Istudent

Ħamsa.

Il-Professur

Ħamsa u wieħed?

L-Istudent

Sitta.

Il-Professur

Sitta u wieħed?

L-Istudent

Sebgħa.

Il-Professur

Sebgħa u wieħed? Aħseb sewwa. Aħseb
Qabel ma twiegeb.

L-Istudent

Tmienja sur għalliem.

Il-Professur

Tajjeb u sebgħa u wieħed?

L-Istudent

Tmienja għal darbtejn.

Il-Professur

Twegiba tajba. U għidli: sebgħa u wieħed?

L-Istudent

Tmienja għal tliet darbiet.

Il-Professur

Sebgħa u wieħed?

L-Istudent

Tmienja għal erba' darbiet,
U disgħa xi minn daqqiet.

Il-Professur

Tajjeb u għidli kemm jagħmlu tliet elef
Miljun,
Seba' mija u ħamsa u ħamsin miljun,
Disa' mija u tmienja u disgħin elf,
Mitejn u wieħed u ħamsin għal ħamest
Elef miljun,
Erbgħa u sittin elf u ħames mija u
Tmien darba?

L-Istudent

Jagħmlu dsatax-il kwintiljun.

Il-Professur

Le, le, le. Ma jidhirlix.
Jagħmlu?

L-Istudent

Disgħa.

Il-Professur

Tmienja.

L-Istudent

Disgħa.

Il-Professur

Tmienja.

Il-Grupp

L-għalliem jgħallem.
L-istudenti tgħallmu.
L-għalliem jaf.
L-istudenti ma jafux.
L-għalliem jaħseb.
L-istudenti mħasba.
L-għalliem jitkellem.
L-istudenti jisimgħu.
L-għalliem jikkmanda.
L-istudenti jobdu.
L-għalliem igħix.

L-istudenti jikbru bħas-sigar.

Ilħna taż-Żgħażagħ

Imma Jonathan ma riedx.
Jonathan ried itir.

Missier

Għaliex Jonathan mhux qawwi bħall-oħrajn?

Jonathan

Missier
Ma jimpurtanix
Li sirt għadma u gilda,
Għalija jgħodd biss li nkun naf ingħix.

Missier

Isma' ftit, Jonathan. Ix-xitwa dalwaqt magħna.
Ftit dgħajjes u l-ħut jgħum aktar fil-fond.
Jekk trid tassew tistudja,
Studja l-mogħdijiet bejn l-għoljiet
Li ttir ħaġa sabiħa u tajba,
Imma tir biex issib x'tiekol.
Tinsix ibni, tir biex tiekol.

Ilħna taż-Żgħażagħ

U Jonathan qabel.
Ipprova jgib ruħu bħall-oħrajn.
Irid ikollok rieda tajba.
Imma mhux dejjem kien jifhem meta kien itir.

Il-Kor

Qatt ma stajt.

Jekk dan hu l-bniedem
Ahjar li ma twelidx.

L-Ewwel Xhud

Iltqajt l-ewwel darba ma' ommi
Meta ta' sbatax-il sena
Telqitni wara bieb
Naf. Naf li int ibni,
Imma jien minhiex ommok.

Il-Kor

Qatt ma stajt.
Jekk dan hu l-bniedem,
Ahjar li ma twelidx.

It-Tieni Xhud

Kien il-Milied.
Huma marru jizfnu.
Lili ghalquni f'kamra.

Il-Kor

Qatt ma stajt.
Jekk dan hu l-bniedem,
Ahjar li ma twelidx.

It-Tielet Xhud

Ommi u missieri ma jaqblux,
Dejjem jiggieldu.
Huti zghar jaraw kollox.

Il-Kor

Qatt ma stajt

Jekk dan hu l-bniedem
Ahjar li ma twelidniex.

Ir-Raba' Xhud

Hadd qatt ma ghallimni.
Id-dar tieghi frattarija shiha...
Qeghdin iktar subien
Qlajt daqqiet ta' harta,
Daqqiet ta' sieq u swat.

Il-Kor

Qatt ma stajt
Jekk dan hu l-bniedem
Ahjar li ma twelidniex.

Ilhna tal-Kor

Kuljum naqra fuq il-gazzetta,
Qtil u serq.
Ulied li jaharbu mid-dar.
Tfajliet mixhuta fuq bankina.
Serq ta' tfal,
Mibeghda, vjolenza, guh, faqar.
Kollox inigges l-art, id-demm u r-ruh.

Il-gwerra ghajn ta' xrar iheggeg u jhedded
Huggiega kbira...
U fuq il-palk tad-dinja,
Il-bniedem jirrecta dejjem
Storja ta' dmugh,
Gharaq u mewt.
Jghodd lewn il-gilda tal-bniedem.
Arrest tad-dghajfa.
Mohqrija tal-fqar.
Tberbiq ta' l-ghonja.

Qtil ta' hajja f'guf l-omm.

Jiena Bniedem Fqir

Jiena bniedem fqir
Gej ghandek,
Ma habbejtx 'il huti,
Ma habbejtx lilek,
Li kieku tlabtek.
Kont tghini,
Jiena bniedem fqir,
Jiena bniedem fqir,
Mulej hniena.

Matul it-triqat
L-aktar triqat mudlama tal-belt,
Ghaddejt qrib tieghek,
Imma ma waqaftx,
Imma ma haristx lejk...
Jiena bniedem fqir,
Jiena bniedem fqir
Mulej hniena.

Ilhna taz-Zghazagh

U Jonathan biex ma jmutx
Biex ma jhallix lilu nnifsu jmut
Ma tarx iktar.
U mar lura.
Wahdu wahdu,
Fuq il-bahar, bil-guh u hieni.

Jonathan

Hawnhekk hela ta' hin: baqaghli ferm
x'nitghallem.
Nitlaq 'il boghod 'il boghod

Maghhom ma nghix

Missier

Ma tistax titlaq hekk.
Jonathan ahseb, ahseb
F'missierek, ommok, hbiebek.

Ilhna tax-Xjuh

Ma hemmx aktar twemmin.

Kulhadd

O dar, dar helwa.

Koppja

Hi: Il-jogurt hu tajjeb ghall-istonku,
Il-kliewi u l-appendicite.
Dan qaluli t-tobba kollha
Dan qaluli l-girien kollha.
Huwa tabib tajjeb.
Tista' tafdah.
Qatt ma jduqha huwa l-ewwel.
Kien hemm wiehed
Qabel ma opera lil haddiehor fil-qalb,
Gie operat hu l-ewwel,
Ghalkemm ma kienx marid.

Hu: Tassew tassew irnexxiet fuq it-tabib
U fuq il-marid le.
Tabib tajjeb ghandu jmut mal-marid tieghu
Hekk biss ifiqu flimkien.
Il-Kaptan ta' vapur jeghreq mal-vapur
Ma jibqax ighix.

Hi: U d-dinja tfassal hazin

Id-dinja tqabbel ħazin
Tqabbel marid ma' vapur.

Hu: Għaliex ma tistax
Ma tistax tqabbel marid ma' vapur.
Vapur jimrad ukoll

Hi: Aħ. Qatt ma ħsibt fuq ħekk...

Hu: Mela t-tabib ma jaf xejn
It-tobba qarrieqa.
Il-flotta biss b'saħħitha fid-dinja...

Hi: Viva l-flotta.

Hu: Viva l-flotta.

Ilħna

Oħ dar, dar ħelwa.

Koppja Aristokratika

Hi: Taf li kellimt lilek

Hu: U x'jimpurtani minn miet fl-Afrika,
L-bojod qed jifirdu s-suwed.
Imsieken is-suwed.
Imsieken il-bojod.

Hi: Tħobb lil xi ħadd.

Hu: U zgħażagħ b'saħħithom:
Zgħażagħ sportivi,
Zgħażagħ somor,
Zgħażagħ tal-bieraħ
Zgħażagħ tal-lum.

Hi: Qed tkellem xi guvni?
Il-bieraħ rajtek ma' wieħed ismar,
Għajnejh kbar suwed,
Xagħar qastni,
Leħen ħelu,
Ismu ma nafx
Le naf...

Hu: X'inti tgħid:
Bint is-sinjura tizzewweg?
Tizzewweg Taljan? Afrikan
Ħaddiem
Neħħiha mill-wirt
Xi gmiel ta' iswed:
Imissek tmur l-Afrika t'Isfel
Tmur l-Etjopja
Tmur il-Kenja
Għajnuna - solidarjeta'.

Ilħna

Oħ dar, dar ħelwa.

Koppja Zagħżugħa

Hu: Nistennik għandu.

Hi: U l-genituri? Tgħid iħalluni?

Hu: Le ma jħallukx? Min qallek?

Hi: Le dan telf ta' ħin.

Hu: Titlef l-eżamijiet.
Titlef ix-xogħol.

Hi: L-iskola ddejjqu
Iddejqu jisimgħuni
Nitkellem fuq it-tielet dinja
Dan xogħol tal-qassisin
Dan xogħol tal-politikanti

Dan xoghol ta'...

Hu: Hallihom ighidu.

Hi: Ahjar nilghab it-tennis
Ahjar immur sal-club
Xi dwejjaq inqartas il-hwejjeg ghat-Tielet dinja
Ilni sentejn immur fid-dar tax-xjuh
Kull nhar ta' Hadd fil-ghodu.
Xi dwejjaq.

Hu: Jien sejjer: ftakar...inhobbok.

Xhud ta' Zmienna

Il-bierah rajt annimal
iqalleb qalb il-hmieg li
kien hemm fil-bitha
Ifittex kemm kemm jiekol
minn qalb il-hmieg.
Meta sab ma qaghadx jifli u jifli:
Belaghha b'heffa kbira.
Ma kienx b'erba' saqajn.
Le kien bhali u bhalek.
Kien bniedem.

Koppja li Tahdem

Hu: Ahna z-zghazagh,
Zghazagh tal-lum
Ghandna nkunu nafu
Bil-problemi tad-dinja taghna.

H8: Id-dinjita' taghna.

Hu: Id-drittijiet taghna

Hi: Id-demokrazija

Hu: Il-vjolenza tal-fabbrika,
U ta' l-iskola.

Hi: Tal-politika
Tar-reklami.

Hu: Ta' l-armi.

Hi: Is-setgha tal-bniedem
Is-setgha tal-poplu.

Il-Kant ta' Madalena

Ghalaq ghajnejk
U insa kollox
X'nista' naghmel biex inqanqlu.
Tbiddilt,
Tassew tbiddilt
F'dawn l-ahhar jiem
Qisni mara ohra.
Min jien?
Ma nafx kif sar
Ma nafx ghaliex iqanqalni
Kien bniedem
Kien ragel =
U qablu kelli hafna
Hafna rgiel ohra
Wiehed mhux bhall-iehor
Huwa wiehed aktar
Imissni nwaqqghu, imissni nghajjat,
Imissni nitkellem fuq l-imhabba,
Inhalli s-sentimenti tieghi barra.
Qatt ma hsibt li se nasal ghal dan.
X'inhu dan kollu?
Ma tahsibx li hu daqsxejn stramb,
Li ninsab f'din il-qaghda?
Jiena jien dak li dejjem kont,
Hekk kalma, hekk bierda,
L-ebda persuna li thobb mhi mignuna

Kwalunkwe haga li jaghmel ibezzaghni.
Qatt ma hsibt li kont se nasal ghal dan.
=X'inhu dan kollu?
Jekk ighid li jhobbni nkun mitlufa, inkun imbezza'
Ma jistax ikun, ma nkunx nista' niggieled
Inhoss rasi ddur bija, nitlaq
Inkun nixtieq li ma sirtx nafu,
Ibezzaghni, irridu, inhobbu.

## Ilhna taz-Zghazagh

U hekk Jonathan baqa' sejjer
Sejjer sa sitt mitt metri
Fuq art u bahar,
U jhares 'l isfel
Minghajr ma jahseb li seta' jaqa'
Li seta' jmut
U nizel 'l isfel
Hafif daqs berqa.

## Il-Ballata tas-Suldat

Jien sejjer se nhallik
Fejn sejjer ma nghidlekx
Ghaliex ma nafx
Tarani meta nigi
Jekk nigi.

Jien sejjer se nhallik
Int ibqa' hawn stennieni
Hafna jitilqu bhali
U hafna jibku bhalek.

Nimmarca bhall-ohrajn
Nilbes bhall-ohrajn
Fuq il-beritta l-arma tal-bronz
U f'qalbi stampa ta' wiccek.

Jien sejjer se nhallik
Minn hemm niktiblek ittra
U aktar ma 'l boghod jehduni
Aktar inkun qrib tieghek.

## Il-Kapural

Wiehed-tnejn,
Wiehed-tnejn,
Pass. Ieqfu. Ieqfu.
Striehu. Striehu.
Ghazzenin. Imfissdin.
Hawn gejtu biex tiggieldu
Gejtu biex tirbhu.
Wiehed-tnejn,
Imxu imxu
Ghäzzenin, imfissdin.
Ieqfu... Ghajjejtu?
Hames dawriet ohra.
Hamsa ohra biss
Ghejejtu?

## (Tkompli l-Ballata)

U meta nerga' nigi lura
Nghafsek ma' qalbi
Nghidlek, nerga' nghidlek
La thallini qatt.

## Xhieda Favur iz-Zghazagh

Nixtieq immur nahdem mal-bdiewa
Nixtieq maghhom naghzaq l-art
Inhawwel sigar tal-frott
Ta' dan jaghtuni x'niekol.
Hekk biss nifhem it-tbatija.
U l-mohh ta' dawn in-nies.

## Mur Biegh Dak Kollu li Ghandek

Kien zaghzugh, kien ghani
Kien tifel tajjeb
Ighix hajja ta' sinjur
Imma qalbu kien jonqosha
Jonqosha hafna
Le, ma kienx bizzejjed
Biex jehles minn ghaqda kbira
Ghaqda li tifga
Sa resaq quddiem Kristu
U staqsa rega' staqsa
"X'ghandi naghmel?"
Imma qabel
Qabel kollox
Ejja warajja
Biegh kull ma ghandek
Aghtih lill-foqra.
Kienet biss kelma
Li tefghatu f'krizi,
L-ebda ferh, l-ebda tama
Dieqa, dieqa biss.
Thawwadt u ma fhimt xejn
Kif jista' jkollok jew ma jkollokx hafna
Flus il-bank u l-genna.

## Ilhna taz-Zghazagh

Malli miss l-art
Shabu l-gawwija
Kienu migbura
F'laqgha f'sala kbira
Kollha migbura
Hin twil u twil.

## Il-Kap

Jonathan wasal fin-nofs.

## Jonathan

Fin-nofs?
Rajtuh it-titjir tieghi
Ix-xoghol iebes mhux hafif...
Iridu jippremjawni.
Imma l-unuri mhux ghalija
Il-premju tieghi li sibt
It-toroq godda.

## Lehen

Imbierek min hu umli.
Min ghandu qalbu tajba.
Min jahdem ghall-paci.
Min ibati ghall-gustizzja.
Min hu fqir.
Min hu qalbieni.
Min jibqa' jtir
Le. Le. Taqtghulux il-gwienah
Halluh itir
Itir lejn toroq godda.

Disinn tal-qoxra:

ALFRED CARUANA RUGGIER